# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 t'April 2022**

**Rikors Nru. 969/2014 GM**

**Denis Tanti**

**vs**

**(1) Chairman in rappreżentanza tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ illum magħrufa bħala Jobsplus (kliem miżjud skont sentenza tal-31 ta' Mejju 2018)**

**(2) Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dennis Tanti (ID 660451M) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

Fit-30 ta' Mejju 2014 irċieva ittra elettronika mingħand Claude JM Galea, Acting Department Manager Training Services tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, li kien fiha sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-Korporazzjoni bin-numru 266978 għar-reklutaġġ ta' Trainers biex jgħallmu suġġetti f' diversi korsijiet, liema sejħa kellha tagħlaq fid-9 ta' Ġunju 2014 (Dok. A).

Minn żmien qabel il-ħruġ tal-istess sejħa, l-attur u diversi individwi oħra kienu ġew avviċinati minn uffiċjal jew uffiċjali tal-Korporazzjoni li kienu offrewlhom li jgħallmu modules partikolari ta' wieħed mill-korsijiet li dwarhom kienet ħarġet is-sejħa, preċiżament dak taċ-Child Care. Fost il-persuni avviċinati kien hemm diversi impjegati tal-Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), fosthom persuni li jgħallmu fil-kors li jwassal għad-Diploma in Child Care and Education. Wieħed mill-persuni avviċinati kien Christino J Calleja li jaħdem bħala Health and Safety Executive mal-MCAST.

Madwar xahar qabel il-ħruġ tas-sejħa, Gilbert Mangion, li jaħdem bħala Executive fit-Taqsima tat-Training Services tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ tal-Korporazzjoni u li kellu r-rwol ta' koordinatur tal-kors imsemmi, għamel diversi telefonati lill-attur li permezz tagħhom għarrfu dwar is-sejħa msemmija li kienet għad trid toħroġ, u nfurrmaħ ukoll li kien ser ikun qiegħed jgħallem tliet modules fil-kors taċ-Child Care li kienu l-'Physical Care of the Child', 'Nutrition and Hyġiene' u 'Health and Safety'. Dawn is-suġġetti l-attur kien diġa` qiegħed jgħallimhom matul is-sitt korsijiet preċedenti taċ-Child Care organizzati mill-Korporazzjoni u dan ix-xogħol kien qed jagħmlu bħala impjegat ta' kumpanija privata li kienet tipprovdi servizzi ta' tagħlim fuq bażi kontrattwali lill-Korporazzjoni. Iżda l-kuntratt ta' din il-kumpanija ma kienx ġie mġedded u l-Korporazzjoni assumiet ir-responsabilita' għal dan it-tagħlim direttament.

Sussegwentement, fil-15 ta' Mejju 2014, permezz ta' ittra elettronika, l-istess Gilbert Mangion bagħat lill-attur is-sillabu tat-tliet modules individwali li kellu jgħallem u l-għada, il-15 ta' Mejju 2014, huwa reġa' bagħatlu s-sillabu ta' dawn it-tliet

modules permezz ta' ittra elettronika oħra fejn talbu jiżviluppa l-materjal kollu in konnessjoni ma' kull wieħed minnhom (Dok. B). Fid-19 ta' Mejju 2014, minkejja li kienet għadha ma ħarġetx is-sejħa għall-applikazzjoni, Mangion saħansitra bagħat ittra elettronika lill-attur (Dok. C) b'lista ta' sebgħin (70) data, bil-ħinijiet b'kollox, mifruxa fuq perjodu bejn Ġunju u Novembru 2014, u talbu jara jekk jistax jagħti lezzjonijiet lit-Trainees f'żewġ gruppi differenti f' dawn id-dati u jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan.

Fis-26 ta' Mejju 2014 Mangion bagħat ittra elettronika oħra lill-attur li permezz tagħha għarrfu li kien assenjalu sessjonijiet fil-Physical Care of the Child Module ma' erba' gruppi (minflok tnejn kif kien qallu qabel) filwaqt li taħ lista ta' dati u ħinijiet li fihom kellu jagħti l-lezzjonijiet tiegħu (Dok. D).

Fit-8 ta' Ġunju 2014 l-attur issottometta l-applikazzjoni tiegħu skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet bin-numru 266978 għar-reklutaġġ ta' Trainers, fejn wera x-xewqa tiegħu li jgħallem it-tliet modules fil-kors taċ-Child Care indikati lilu minn Mangion, jiġifieri l-'Physical Care of the Child', 'Nutrition and Hyġiene' u 'Health and Safety'. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet tal-applilkazzjonijiet skont is-sejħa msemmija kienet id-9 ta' Ġunju 2014 (Dok. A).

Fis-15 ta' Ġunju 2014, jum qabel ma saru l-intervisti b'konnessjoni mas-sejħa, Mangion għarraf lill-attur permezz tat-telefon li kien instab xi ħadd ieħor biex jgħallem tnejn mit-tliet modules inizjalment assenjati lilu, preċiżament il-modules tan-'Nutrition and Hyġiene' u 'Health and Safety'. Il-module partikolari tal-Health and Safety' ingħata lil Christino J Calleja. Dan minkejja li l-attur jippossjedi Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety) mill-Universita' ta' Malta u għallem dan is-suġġett fl-istess Universita' u f'korsijiet organizzati mill-Korporazzjoni stess. Mangion qal ukoll lill-attur li għalhekk huwa kien ser jitħalla jgħallem biss il-module tal-'Physical Care of the Child' u dan wara li l-persuni kollha li kienu ġew avviċinati biex jgħallmu dan il-module kienu esprimew nuqqas ta' kapaċita' li jagħmlu dan.

B'hekk l-attur ġie ppreġudikat serjament waqt il-proċess tal-ingaġġar u min-naħa tiegħu huwa ilmenta ma' Mangion għall-fatt

li kien għamel sigħat twal jaħdem fuq il-materjal in konnessjoni mat-tliet modules u b' riżultat ta' dan huwa kellu jħalli ħafna xogħol iehor li kellu jaqa' lura. Fil-fatt l-attur kien lahaq lesta l-*powerpoint presentations* tal-modules tan-*Nutrition and Hygiene* u *Health and Safety* u kien kważi lesta wkoll il-*powerpoint presentation* tal-*module* tal-*Physical Care of the Child*.

Fis-16 ta' Ġunju 2014 ukoll, l-attur bagħat ittra elettronika lil Mangion (Dok. E) fejn esprima ruħu dwar dak li kien qed iqis bħala kontenut mhux ċar jew barra minn postu f'modules tal-kors, filwaqt li talab li jingħata feedback dwar dan. Min-naħa tiegħu Mangion għarraf lill-attur li kien għadda l-ittra tiegħu lit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team iżda b'danakollu baqgħet qatt ma ngħatat tweġiba lura għal din l-ittra.
Fis-17 ta' Ġunju 2014, waqt li l-attur kien qed jiġi ntervistat mill-Bord tal-intervisti b'konnessjoni mal-applikazzjoni sottomessa minnu, Mariella Vella, *Department Manager Training Programme Design and Quality Assurance Unit* tal-Korparazzjoni, li kienet iċ-Chairperson tal-istess bord, identifikat b'isimhom persuni li ngħad li kienu ser jgħallmu ċerti modules partikolari, b'mod li tat wieħed x'jifhem illi l-intervisti kienu qed isiru biss bħala formalita' peress li l-għażla tat-*Trainers* kienet diġa' saret, għall-inqas in kwantu jirrigwarda lill-attur (li kien ġia' kkonfermat id-dati meta ħa jgħallem), u anke għall-persuni l-oħra li ssemmew.

Wara l-intervista l-attur mar fl-uffiċċju ta' Mangion biex jgħaddilu l-*powerpoint presentation* tal-*module* tal-*Physical Care of the Child* li kien ħadem fuqha sa tard bil-lejl fil-jum ta' qabel biex laħaq lestiha, liema *presentation* kien fiha 843 slides. Hawnhekk, l-attur qal lil Mangion li Grace Izzo kienet attendiet għall-intervista. Din Izzo kienet il-persuna li tat il-maġġoranza tal-lezzjonijiet fil-korsijiet preċedenti taċ-Child Care. Hawnhekk, b'sorpriża għall-attur, Mangion qallu: 'Hi taf. Jekk għandha l-ħin x'taħli'. Dan kien jiftiehem li Mangion kellu xi tagħrif li Izzo ma kinetx ser tiġi magħżula mill-Bord tal-Għażla għall-pożizzjoni ta' Trainer, kif fil-fatt ġara.

Minkejja li fil-15 ta' Mejju 2014, aktar minn xahar qabel ma kienu attwalment saru l-intervisti tal-għażla, Mangion kien bagħat l-ittra elettronika msemmija aktar 'il fuq lill-attur, li permezz tagħha bagħatlu s-sillabu tat-tliet modules u talbu jiżviluppa l-materjal

kollu in konnessjoni ma' kull wieħed minnhom (Dok. B), b'danakollu dawn in-noti kien jeħtieġ li jkollhom sheet cover ufficjali u reading list magħhom. L-attur ġie mgħarraf dwar dan għall-ewwel darba permezz ta' ittra elettronika mibgħuta lilu minn Mangion fl-20 ta' Ġunju 2014 (Dok. F). Barra minn hekk, it-templates tax-sheet cover tan-noti u tal-powerpoint presentation intbagħtu lill-attur minn Mangion wara, fl-24 ta' Ġunju 2014, meħmuża ma' ittra elettronika (Dok. G).

Permezz tal-ittra elettronika msemmija mibgħuta f1-24 ta' Ġunju 2014 (Dok G) ġie indikat lill-attur biex jagħmel ċertu tibdiliet fil-powerpoint presentation li kien issottometta ġimgħa qabel lil Mangion, preċiżament fis-17 ta' Ġunju 2014, u kif ukoll ilesti n-noti tal-kors għall-ewwel ġimagħtejn (erba' settijiet b'kollox). Min-naħa tagħha Mariella Vella, Department Manager Training Programme Design and Quality Assurance Unit, f' korrispondenża li bagħtet fit-13 ta' Awwissu 2014 lil Philip E Rizzo, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Korporazzjoni, qaltlu li l-attur kien ingħata deadline biex jissottometti dawn in-noti sal-24 ta' Ġunju 2014 (Dok. G1) Jiġifieri, skont hi, id-deadline kienet dakinhar stess li ntbagħtitlu l-mail biex ilesti n-noti.

Meta l-attur staqsa lil Mangion sa liema data kellu jibgħat in-noti dan wieġbu li kellu jibgħat l-ewwel żewġ settijiet qabel l-ewwel lezzjoni li kellha ssir fit-30 ta' Ġunju 2014 u tlieta oħra (ħamsa b'kollox) sal-4 ta' Lulju 2014. Fis-27 ta' Ġunju 2014 l-attur kien bagħat in-noti għall-ewwel żewġ lezzjonijiet lil Mangion permezz ta' ittra elettronika (Dok. H) u dan kien għarrfu dakinhar stess permezz ta' ittra elettronika li Training Programmes Design and Quality Assurance Team (Dok. I). Sussegwentement, fid-29 ta' Ġunju 2014 meħtieġa (Dok. J).

Fit-30 ta' Ġunju 2014 l-attur beda' jagħti l-lezzjonijiet fil-Physical Care of the Child Module u l-għada, l-1 ta' Lulju 2014, Mangion għarrfu permezz ta' ittra elettronika li kellu jissottometti n-noti għall-ewwel ħames lezzjonijiet lit-Training Programrnes Design and Quality Assurance Team sal-4 ta' Lulju (Dok. K). L-attur fil-fatt għamel skont ma kien mitlub u bagħathom fit-3 ta' Lulju 2014. L-għada, l-4 ta' Lulju 2014, Mangion bagħatlu ittra elettronika fejn għarrfu li n-noti sottomessi minnu kienu ċertifikati 'up to standard' mit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team (Dok L).

Fil-korrispondenza tagħha msemmija lil Rizzo, Vella qalet ukoll li fit-2 ta' Lulju il-Quality Assurance Unit kien ikkomunika ma' Mangion biex jinforma lill-attur li kellu jissottometti n-noti kollha tal-kors u mhux l-ewwel ħamsa biss. Iżda l-ebda komunikazzjoni bħal din ma kienet waslet għand l-attur u, kif ġie msemmi aktar ‘il fuq, Mangion kien għarraf lill-attur biss permezz tal-ittra elettronika tiegħu tal-1 ta' Lulju 2014 (Dok. K) li huwa kellu jissottometti n-noti għall-ewwel ħames lezzjonijiet sal-4 ta' Lulju 2014.

In-noti approvati mit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team kienu jkopru l-lezzjonijiet li l-attur kellu jagħti fit-30 ta' Ġunju fl-4, 8, 12 u 16 ta' Lulju rispettivament. Iżda sal-aħħar lezzjoni li ta fit-8 ta' Lulju 2014, it-Trainees kienu għadhom ma ngħataw l-ebda noti minn dawk li l-attur kien ħejja għalihom u dan minkejja li dawn in-noti kienu ċertifikati *up to standard*.

Dan kien dovut għall-fatt li l-Korporazzjoni kienet naqset li tipprintja n-noti u tqassamhom lit-Trainees. Kien hemm mill-inqas Trainer wieħed ieħor li kien qed jagħti l-lectures rmingħajr noti u dan kien Christino J Calleja.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

Fil-11 ta' Lulju 2014 l-attur irċieva ittra elettronika (Dok M) mingħand Claude JM Galea, Acting Department Manager Training Services, li permezz tagħha dan għarrfu li b'effett immedjat kien ser jiġi sospiż temporanjament milli jagħti t-tagħlim diġa' ppjanat minħabba li kien naqas fi tliet affarijiet u ċioe':

a) Li sa dakinhar ma kienx indirizza s-suġġett tal-kors,

b) Ma kienx ipproduċa noti approvati biex jitqassmu lit-Trainees, u,

ċ) Kien għadda kumment fis-sens li mil-lat prattiku, l-istudenti setgħu jgħallmu lill-għalliem u mhux bil-kontra.

L-attur wieġeb għal dawn l-allegazzjonijiet permezz ta' ittra elettronika oħra dakinhar stess tal-11 ta' Lulju 2014 (kontenuta fl-istess Dak M ġia' preżentat) u ċioe':

a) L-attur kien ingħata feedback dwar materjal ta' tagħlim li kien issottometta permezz tal-ittra elettronika mibgħuta lilu fl-24 ta' Ġunju 2014 (Dok G), fejn kien ġie nfurmat li ċertu materjal kellu jqassru iżda mkien fl-ittra ma ntqal li xi materjal ma kienx jindrizza s-suġġett tal-kors. Barra minn hekk, il-fatt li l-kors notes tal-attur kienu ċertifikati 'up to standard' mit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team juri li huwa kien jinsab miexi fid-direzzjoni t-tajba. Hawnhekk tajjeb li jingħad li fil-korrispondenza tagħha lil Rizzo, Vella qalet li fl-4 ta' Lulju 2014 it-Training Programmes Design and Quality Assuranc Team bagħat l-ittra elettronika fejn iċ-ċertifika li noti tal-attur kienu 'up to standard'. Iżda kompliet tgħid li l-istess team kien bagħat ittra elettronika oħra lil Mangion (id-data meta ntbagħtet ma ssemmitiex) fejn dan it-team kien qallu, u nikkwota. "*It is important that the trainer follows the course layout and presents notes in relation to the 1st 12 learning outcomes as stated by Demi below. There are several pages of notes, that which they are good they do not really belong to this module."* Imma mbagħad Vella kkonkludiet billi qalet li t-team mhux ċert jekk din l-ittra elettronika eventwalment intbagħtitx lill-attur.

b) Assolutarnent ma kienx minnu li l-attur ma pproduċiex noti approvati biex jitqassmu lill-istudenti. Kif diġa` ġie spjegat huwa kien issottometta n-noti tal-ewwel ħames lezzjonijiet lit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team, skont ma kien mitlub jagħmel, u dawn kienu ġew ċertifikati 'up to standard'.

ċ) Il-kumment fejn intqal li l-attur qal lit-Trainees li f'ċerti aspetti setgħu jgħallmu huma għax għandhom esperjenza diretta, dan kien kumment biex jinkoraġġixxi lill-istudent li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu ommijiet u ċertament ma sarx b'nuqqas ta' professjonalita' kif ġie allegat.

Min-naħa tiegħu Galea rrisponda dakinhar stess tal-11 ta' Lulju 2014 permezz ta' ittra elettronika fejn informa lill-attur li l-kontenut tal-ittra elettronika tiegħu, fejn wieġeb għall-allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet li dwarhom kien ġie sospiż, kienu ser jigu investigati aktar, u li huwa kien ser jiġi mgħarraf dwar

dak li joħroġ mill-investigazzjonijiet li minnhom kien jiddependi jekk titneħħiex is-sospensjoni tiegħu jew le. Iżda filwaqt li Galea baqa' ma taħ ebda risposta definittiva dwar il-pozizzjoni tiegħu ta' Trainer u dwar x'ser isir mis-sospensjoni pronunzjata tiegħu, mill-għada stess li ġie sospiż, fit-12 ta' Lulju 2014, ġie mdaħħal bniedem ieħor biex jagħmel ix-xogħol tiegħu filwaqt li huwa tħalla fil-għama dwar l-ingaġġ ta' din il-persuna. Wieħed josserva li wara li fid-9 ta' Ġunju 2014 kienet għalqet is-sejħa għar-reklutagg ta' Trainers biex jgħallmu suggetti f'diversi korsijiet, inkluż dak taċ-Child Care (Dok A), tmint ijiem biss wara, fis-17 ta' Lulju 2014, il-Korporazzjoni reggħet ħarget sejħa oħra għar-reklutagg ta' Trainers biex jgħallmu l-istess suggetti li damet miftuħa gimgħa (Dok N). B'hekk segħtet tiġi reklutata l-persuna li ingħatat l-impjieg minflok l-attur.

L-attur baqa' sospiż kif fuq ingħad, u baqa' wkoll bla twegiba li minnha kien jiddependi jekk is-sospensjoni tiegħu kinetx ser tkun imneħħija jew le. Bagħat ukoll ittra legali fl-24 ta' Lulju 2014 (Dok. N1), sakemm fis-6 t'Awwissu, l-Avukat tal-attur, irċieva e-mail mingħand Philip E Rizzo, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Korporazzjoni (Dok. O), li permezz tagħha infurmah li s-sospensjoni tal-attur ġiet waħda permanenti u qal li huwa kien issottometta n-noti tal-*learning outcomes* għal żewg (2) lezzjonijiet biss mit-tnax (12) inizjalment mitlubin mill-ETC, liema allegazzjoni kif fuq ingħad u jerga' jingħad hija waħda infondata, għaliex l-attur ipprovda l-materjal kollu li kien tenut li jipprovdi sad-data tas-sospensjoni tiegħu, fosthom in-noti tal-ewwel ħames lezzjonijiet, kif intalab minnu, tant li dan il-materjal ġie approvat mit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team tal-Korporazzjoni stess.

Rizzo kien għogbu jikkummenta wkoll li l-attur kien naqas li jattendi għal xi waħda miż-żewg laqgħat ta' informazzjoni dwar iċ-Child Care Course. Fil-fatt l-attur ma setax jattendi għall-laqgħa li saret  fit-3 ta' Ġunju 2014 minħabba xogħol ta' natura urgenti li nqalagħlu. Għalhekk dakinhar huwa kien avża lil Mangion dwar dan permezz ta' ittra elettronika li kien bagħatlu (Dok. P). Min-naħa tiegħu Mangion kien wiegbu billi qallu 1i ma kellux għalfejn jattendi għax kien ser jinfurmah huwa stess dwar 1-andament tal-laqgħa. Fil-fatt, l-għada tal-laqgħa, l-4 ta' Ġunju 2014, Mangion bagħat ittra elettronika lill-attur (kontenuta fl-istess Dok. P gia' prezentat) fejn qallu li kien ser jagħtih feedback

hu nnifsu dwar il-laqgħa u punti li gew imqajma matulha. Apparti minn dan, il-fattur tal-attendenza tal-attur għall-laqgħa msemmija ma kellu ebda konsegwenza fuq l-impjieg sussegwenti tiegħu bħala Trainer. Min-naħa tagħha, meta kitbet lil Philip Rizza, Mariella Vella qalet li ma kinetx taf b'din il-komunikazzjoni bejn l-attur u Mangion.

Fuq kollox, fil-perjodu ta' kważi xahar bejn il-11 ta' Lulju 2014 u s-6 t'Awwissu 2014, fejn l-attur kien għadu qed jistenna twegiba dwar is-sospensjoni tiegħu, il-Korporazzjoni bdiet tuża s-servizzi ta' persuna oħra bħala Trainer, u din il-persuna bdiet tagħti lezzjonijiet regolarment, u kien qed jidher ċar illi din il-persuna kienet ser tieħu l-post tal-attur, għaliex huwa proprjament kien għadu qed jistenna twegiba dwar ir-rappreżentazzjonijiet li kien għamel biex jirrespingi l-allegazzjonijiet fuq imsemmija.

Għalhekk jiġi li t-twaqqif tal-attur mix-xogħol li għalih ġie ngaġġat ma sarx għal raguni valida għaliex huwa fl-ebda ħin ma kien f’xi nuqqas u l-Korporazzjoni abbużat mis-setgħa tagħha meta waqqfitu bil-mod kif spjegat hawn fuq.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-intimati jew min minnhom sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 469A(1)(a) in kwantu ma ġiex rispettat l-Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u li tali għemil huwa ultra vires ai termini tal-Artikolu 469A(1) (b) (i) (ii), (iii) u (iv) u dan għaliex dan l-għemil twettaq minn awtorita' pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu; u/jew l-istess konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-gustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettieq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż/setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għal għanijiet mhux xierqa u issejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti; in kwantu tali trasferiment ma ngħatax minħabba esigenza ta' xogħol; u/jew l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi.

2. Jekk occorrendo jkun il-każ, tordna fi żmien qasir u perentorju lill-istess intimati jew min minnhom sabiex jirrevedu u jirriformaw id-deċiżjoni tagħhom u dan billi jħassru s-sospensjoni imposta fuq l-attur.

3. Tiddikjara illi fin-nuqqas illi l-intimati jew min minnhom jagħmlu dak lilhom ordnat fit-tieni talba, għandu jiġi meqjus illi din is-sospensjoni m'għandha l-ebda validita` u illi l-attur jista' jkompli jaħdem u jagħti Taħriġ hekk kif imsemmi aktar 'il fuq, bl-istess kundizzjonijiet li kien fihom direttament preċedenti għall-fuq imsemmija sospensjoni.

4. Tagħti lill-intimati jew min minnhom dawk id-direttivi u ordnijiet oħra li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest gudizzjarju hawn anness bħala Dok. Q.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Mhux il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża billi ma jiffigura mkien f'din il-kwistjoni u inoltre, il-Korporazzioni ta' Xogħol u Taħriġ hija enti morali b'personalita` guridika distinta kif stabbilit permezz tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 343 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ) u għalhekk separata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Fid-dawl ta' dan, l-attur Segretarju Permanenti ma jidħolx fi kwistjonijiet li jirrigwardaw uffiċjali u impjegati tal-Korporazzjoni intimata;

2. Il-proċeduri odjerni huma intempestivi u saru qabel iż-żmien għaliex ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedju li kellu a dispożizzjoni tiegħu fl-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (Kap. 343 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. L-attur ma jistax jinqeda mill-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kif kontemplata fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi f'dan il-każ, l-attur ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv fil-konfront tar-rikorrent;

4. L-attur mhux edott mill-fatti ta' dan il-każ u kwalunkwe allegazzjonijiet u pretensjonijiet min-naħa tar-rikorrent fil-konfront tal-esptonent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

5. L-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas tal-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u għaldaqstant m' għandux jiġi soggett għall-ispejjeż tal-istanti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimat Chairman tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni stante li fil-kwalita` tiegħu ta' Chairman tal-Korporazzjoni, ma jistax jirrispondi għal għemil u/jew deċiżjonijiet tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u għalhekk, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Tinħtieġ kjarezza fuq it-talbiet proposti minħabba li wħud minnhom ma jaqgħux taħt il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti u għal dan il-għan, minn issa qed tiġi eċċepita n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-istess Onorabbli Qorti sabiex tiddeċiedi fuq l-istess.

3. Tiġi ribattuta u miċħuda kull allegazzjoni li l-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ agixxiet bi ksur tal-Liġi, senjatament tal-Artikolu 4694 (1)(a) u 469(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li ma osservatx id-dettami tal-Kostituzzjoni ta' Malta, senjatament l-Artikolu 110 (1) tal-istess.

4. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'riżultat tal-agir tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ.

5. Il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ kellha l-awtorita` tieħu d-deċiżjonijiet li ħadet u fit-teħid ta' dawk id-deċiżjonijiet, ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

6. It-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent saret skont il-Liġi u effettivament, seħħet waqt il-perjodu ta' probation u għalhekk, tali terminazzjoni saret skont u a tenur tal-Artikolu 36(2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Konsegwentement isegwi li ma hemm l-ebda deċiżjoni x'tiġi riveduta.

8. Mingħajr pregudizzju għall-premess u in subordinazzjoni għall-istess, fl-istadju tal-ilment imressaq mir-rikorrenti, dan kien każ ta' terminazzjoni ta' impjieg u u mhux każ ta' sospensjoni.

9. Jirriżulta li r-rikorrent ma setax jirrikorri għar-rimedju provdut mill-Artikolu 469A tal-Kap. 12, stante li skont is-sub-artikolu (4) tal-istess Artikolu, ir-rimedju mogħti minn dan l-Artikolu ma jistax jintuża kemm-il darba "... l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f’xi liġi oħra."

10. *Per conseguenza*, ma hemm l-ebda rimedji, direttivi u/jew ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti għandha u/jew tista' tagħti fiċ-ċirkostanzi.

Rat li permezz ta’ sentenza in parte tal-31 ta’ Mejju 2018, din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti li mhux leġittimu kontradittur u għalhekk astjeniet milli tqis it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tiegħu; kif ukoll ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni taċ-*Chairman* li mhux leġittimu kontradittur kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tiegħu li din il-Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni fuq uħud mit-talbiet, u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu tat-talbiet attriċi kontra l-Korporazzjoni. Din il-Qorti, f’dik is-

sentenza, iddeċidiet li għandha s-setgħa li tistħarreġ l-għemil tal-Korporazzjoni konvenuta, ukoll meta dan jirrigwarda proċeduri interni ta' dixxiplina jew mod ieħor li jolqtu l-ħidma ta' impjegat ta' korp kostitwit.

Din il-Qorti, kif issa kostitwita, hija marbuta b'dan il-pronunzjament, li jipprekludiha milli tqis il-materja bħala waħda li taqa' fl-isfera tal-liġijiet tal-*employment* ossia tal-liġijiet industrijali pjuttost milli fl-isfera tal-amministrazzjoni pubblika.  Din il-Qorti hija marbuta wkoll bil-limitazzjoni espressa li għamlet fis-sentenza in parte li kienet sejra tqis is-sospensjoni kondizzjonali, u mhux ukoll is-sospensjoni perpetwa li tammonta għal tkeċċija.

Rat li l-abbli avukat tal-attur stqarr, waqt l-aħħar udjenza, li l-attur riċentement, b'effett minn Settembru 2021, reġa' applika u ntgħażel biex jagħmel il-*modules* kollha li kien ġie sospiż minnhom, mertu ta' din il-kawża, kif ukoll iktar modules minn hekk, u li għalhekk, dejjem fi kliem l-attur, parti mill-mertu jinstab eżawrit.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Eċċezzjonijiet:**

Waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attur ma semma xejn l-allegat ksur tal-Art. 110 tal-Kostituzzjoni.  Għalhekk  it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuta huma validi.

Il-ħames eċċezzjoni hija waħda valida, kif sejjer jirriżulta mill-evaluwazzjoni tal-provi.

Is-sitt eċċezzjoni hi li l-impjieg intemm waqt il-perjodu tal-probation. Il-Qorti mhix sejra tqis din l-eċċezzjoni billi hija prekluża milli tagħmel dan bid-deċiżjoni li ħadet fis-sentenza in parte. Għall-istess raġuni tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien eċċezzjoni.

Il-Qorti ma ngħatatx provi dwar x'rimedju alternattiv kien disponibbli għall-attur u għalhekk id-disa' eċċezzjoni mhix fondata.

L-għaxar eċċezzjoni hija valida billi, *trattandosi* ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-kompitu tal-Qorti hu li tara jekk l-att amministrattiv li qed jiġi attakkat kienx wieħed validu jew le, u normalment tieqaf hemm.

**Kronoloġija tal-fatti:**

Fis-sena 2014, il-Korporazzjoni nediet sejħa elettronika għall-mili ta' karigi ta' għalliema (*trainers*) f'korsijiet imnedijin minnha għat-taħriġ ta' persuni f'bosta oqsma. L-attur kien diġa` tqabbad jagħti lezzjonijiet ta' taħriġ f'dawn l-oqsma qabel (permezz ta' kuntratt ma' kumpannija), iżda l-arranġamenti li kien hemm kienu ntemmu u l-Korporazzjoni nediet hi l-korsijiet il-ġodda.

Minn madwar xahar qabel il-ħruġ tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija Gilbert Mangion, *executive* fit-taqsima tat-*training service*

tal-Korporazzjoni, li kellu rwol ta' koordinatur tal-korsijiet, għamel diversi telefonati lill-attur stess li permezz tiegħu għarrfu li kien ser ikun qed jgħallem tliet *modules* fil-kors taċ-*childcare* skont is-sejha msemmija. Identifika dawn il-*modules* bhala *physical care of the child, nutrition, hygiene,* u *health and safety*.

**15 ta' Mejju 2014:** Mangion bagħat email lill-attur li permezz tagħha għarrfu dwar is-sillabu ta' tliet modules li kien diga` infurmah li kien ser ikun qed jgħallem fuq it-telephone, filwaqt li talbu jiżviluppa l-materjal kollu in konnessjoni ma' kull wieħed minnhom it-tlieta[1].

**28 ta' Mejju 2014:** Gilbert Mangion bgħatlu l-Occupational Standards li jirregolaw iċ-childcare centres f'Malta biex jgħinuh ifassal il-materjal tal-kors ma' dawn l-istandards. Infurmah li kellha ssir laqgħa ta' nformazzjoni it-Tlieta ta' wara.

**30 ta' Mejju 2014:** Ħarġet is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**3 ta' Ġunju 2014:** l-attur wieġbu li ma setax jattendi.

**4 ta' Ġunju 2014:** Gilbert Mangion wieġbu li kien sejjer jagħtih il-feedback tal-meeting iktar tard dakinhar.[2]

**8 ta' Ġunju 2014**: l-attur ressaq l-applikazzjoni tiegħu għas-sejħa pubblika li għamlet il-Korporazzjoni.

---

[1] Fol 17

[2] Fol 83.

**9 ta' Ġunju 2014:** Għeluq is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**16 ta' Gunju 2014:** jum wiehed biss qabel ma saru l-intervisti in konsessjoni mas-sejħa, Mangion għarraf lill-attur permezz tat-*telephone* li kien instab xi ħadd iehor biex jgħallem tnejn mit-tliet modules li kien diga` assenjalu; il-*modules* tan-*nutrition and hygiene* u tal-*health and safety*. L-attur isostni kien diga` ilu xahar sħiħ jizviluppa l-materjal ta' dawn iż-żewġ *modules* li kien diga` iddedika sigħat twal biex ilesti l-*power point presentations*.

Fl-istess telefonata Mangion għarrfu li kienu ġew avviċinati diversi persuni biex jgħallmu l-*module tal-physical care of the child* ukoll. Pero` kollha kemm huma kienu esprimew nuqqas ta' ħila biex jgħallmu dan il-module. Kompla jgħidlu li kien għalhekk li huwa kien ser jitħalla jgħallem dan il-*module*.

Fis-**17 ta' Ġunju, 2014**, kien intervistat mill-Bord tal-Għażla. Waqt l-intervista, Mariella Vella li hija d-*Department Manager* tat-*Training Program Design and Quality Assurance Unit,* tal-Korporazzjoni, u kienet Chairman ta' dan il-Board, identifikat b'isimhom pesuni li qalet li kienu ser jgħallmu ċertu *modules* partikolari. Minn dan id-diskors, l-attur fehem li diga` speċi d-deċiżjonijiet kollha meħudin u illi l-intervisti kienu qed isiru biss bħala formalita` għallinqas għal dak li jirrigwarda l-atturi u n-nies illi gew imsemmija, u anke għad-dati.

Wara li ntemmet l-intervista, l-attur kien mar fl-ufficcju ta' Mangion biex jgħaddilu l-*powerpoint presentation* tal-module tal-*physical care of the*

*child*. Hawnhekk l-attur kien qal lil Mangion li ċerta Grace Izzo li kien jafha kienet attendiet għall-intervista. Din Izzo kienet persuna tat lezzjonijiet fil-korsijiet kollha preċedenti taċ-*childcare*. Hawnhekk b' sorpriza għall-attur, Mangion qallu - iva naf, nafu min hi; speċi jekk għandha l-ħin x'taħli, speċi ħalliha. Dejjem skont l-attur, dan ukoll turi l-attitudni li kellhom is-Sur Mangion u l-kollegi tiegħu dwar dawn l-intervisti.

**17 ta' Ġunju 2014:** l-attur bagħat *power point presentation* lill-*coordinator*.

**24 ta' Ġunju 2014:** il-*Quality Assurance* bagħtet il-feedback fis-sens li dawn ma kinux aċċettabbli bħala noti tal-kors. F'din l-ittra Marcon Camilleri Caruana minn *Training Programs Design and Quality Assurance Team* tal-Korporazzjoni, kitbitlu biex tgħidlu jqassar ftit mill-materjal.

**24 ta' Ġunju 2014**: l-attur kellu jippreżenta noti tal-ewwel ġimagħtejn i.e. mit-30 ta' Ġunju sat-12 ta' Lulju. "**Lesson Plans and Course Notes for the first two weeks of sessions (ħames lezzjonijiet[3]) need to be sent to QA unit, as soon as possible, for review and approval"**.[4] L-attur intalab jagħmel tibdiliet fil-*powerpoint presentation* li kellu juża fil-kors li kien skedat li jiftaħ fit-30 ta' Ġunju, 2014, b'mod li dawn setgħu jitqassmu lill-istudenti bħala noti. L-attur ta t-tagħrif mitlub u beda jagħti l-lezzjonijiet kif skedat, għalkemm jilmenta li l-Korporazzjoni naqset li tqassam lill-istudenti n-noti li huwa kien bagħtilha minn qabel dwar is-suġġett li kien qed jgħallem.

---

[3] Fol 325 xhieda ta' Mariella Vella
[4] Email minn Gilbert Mangion lill-attur tal-24 ta' Ġunju 2014, fol 33-34.

**27 ta' Ġunju 2014:** l-attur issottometta żewġ settijiet ta' noti, għax skontu dak kien l-ammont sħiħ li ġie mitlub jagħti mill-Korporazzjoni. "*An idea of the course notes that I (Dennis Tanti) am preparing so that you can have something in hand before Monday*. Fl-istess jum Quality Assurance wieġbet li :

- The trainer needs to beef up more the content a little bit more. That is, the notes approximately should contain a page for each learning outcome
- Improve the notes in point form as to provide more details.
- Use the learning outcomes to build up the course. However, the trainer can include additional topics.

**29 ta' Ġunju 2014:** (ġurnata tal-Ħadd) l-attur bagħat email: "*Attached please find modified course notes and lesson plans for the first two sessions*". Kienu jkopru l-lezzjonijiet li kellu jagħti fit-30 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju.

**30 ta' Ġunju 2014:** l-*email* tal-attur waslet għand il-QA; cioe` fl-istess ġurnata tal-ewwel lezzjoni.

**30 ta' Ġunju 2014:** tal-ewwel lecture dwar il-physical care of the child.

Ta żewġ lezzjonijiet oħra fl-**4 u fit-8 ta' Lulju 2014** rispettivament. L-attur kien imissu jagħti r-raba' lezzjoni tiegħu nhar is-Sibt 12 ta' Lulju 2014.

**1 ta' Lulju 2014:** Gilbert Mangion kitiblu li "*Since you started the Physical Care of the Child Module yesterday and no course notes had been approved by the QA till today I was instructed to inform you that we need to receive at least Course Notes and Lesson Plans covering the first FIVE sessions by next Friday 4th July*".

**2 ta' Lulju 2014:** il-QA bagħtu l-*feedback* dwar l-ewwel żewġ lezzjonijiet. Il-*coordinator* ġie nfurmat li n-noti kienu jkopru l-ewwel żewġ lezzjonijiet biss. Fl-istess jum, il-QA bagħat *email* lill-*coordinator* b'*deadline* lit-*trainers* kollha (inkluż l-attur) għas-sottomissjoni finali tal-noti tal-kors. Mariella Vella xehdet li ma tafx jekk il-*coordinator* għaddiex din il-komunika lit-trainers.

**3 ta' Lulju 2014:** l-attur issottometta tliet settijiet ta' noti oħra, tal-lezzjonijiet tat-8, 12, u 16 ta' Lulju. Skontu kien mgħarraf li kellu jissottometti l-kumplament iktar tard.

**4 ta' Lulju 2014:** ġie lilu kkonfermat illi l-materjali li kien għadda lill-ETC kien tajjeb. Skont Mariella Vella[5]: "*In the communication issued by the coordinator on the 4th July, it was already implied that Mr Tanti did not present the requested training material – ('now you need to submit at your earliest course notes up to learning outcome number 13*").

Fl-istess jum allegatament sar QA visit. "*Given that we did not receive the full course notes and revised lesson plans, we conducted a QA visit to ensure that the trainer was adhering to the course layout. During this visit, the QA reported that the trainer was not following the course layout*

[5] fol 409, 244

*and in fact was delivering information that pertained to another module (development of speech in childhood) amongst other issues".* L-attur jiċħad li saret din l-ispezzjoni.

**8 ta' Lulju 2014:** il-*coordinator* għadda l-ilment tal-QA lill-attur. "*In the email response from Mr Tanti it is evident that even at this stage he was not following the course layout and was instead quoting from occupational standards. Furthermore, he commented regarding the irrelevance of slides he was using on the day and he stated that it was up to the QA unit who should have informed him that these were not in line with the course layout. In fact various emails sent earlier had reminded Mr Tanti to follow the course layout, however he remarked that QA should have reported this when in fact it was his sole responsibility to ensure that his presentation was aligned with the course layout".*[6]

Nhar il-Gimgħa **11 ta' Lulju 2014** ircieva email, Dok M, mingħand is-Sur Claude J M Galea li għarrfitu li, b'effett immedjat, kien sospiż temporanjament milli jkompli jgħallem fl-imsemmi kors.

**6 t'Awwissu 2014**: Philip Rizzo wieġeb ittra tal-attur tal-24 ta' Lulju 2014. Qallu li l-ħatra tiegħu kienet suġġetta għall-approvazzjoni tal-materjal propost minnu mill-Quality Assurance Unit tal-ETC. Is-sospensjoni kienet "sakemm il-materjal kollu jkun sottomess" u l-attur kien naqas li jagħmel dan sa dakinhar. L-attur naqas f'żewġ okkażjonijiet (3 ta' Ġunju u 10 ta' Lulju) li jattendi għal sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerika dwar l-istruttura tal-kors tac-Childcare u dak li kien mistenni

[6] fol 410, rimarki minn Mariella Tanti lis-CEO Philip Rizzo

joħroġ mill-kors il-ġdid. Fis-27 ta' Gunju il-QAU informat lill-attur li hu kien issottometta noti aċċettabbli fuq tnejn biss mil-learning outcomes mit-12 inizjalment mitlubin mill-ETC. Sa dakinhar kien għadu ma ssottemettiex l-10 l-oħra.

Ftit żmien wara, l-attur sar jaf li l-għada li kien sospiż, persuna oħra tqabbdet tgħallem fl-istess kors li minnu hu kien sospiż. Hekk kif sar jaf, hu qabbad avukat biex jikteb liċ-Chairman imħarrek biex jilmenta dwar dan. Il-konvenut bagħat tweġiba fis-**6 ta' Awwissu, 2014**, fejn fost ħwejjeġ oħra, bagħat jgħarrfu li dik li kienet sospensjoni temporanja issa nbidlet f'temm ta' mpieg billi l-attur baqa' ma tax il-materjal li ntalab jagħti meta kien sospiż.

**7 ta' Awwissu, 2014**: l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin u kontra l-Avukat Ġenerali li bih, fost l-oħrajn, talabhom ineħħu s-sospensjoni u biex minnufih ireġġgħu lura d-deċiżjonijiet li ħadu kontrih.

**4 ta' Novembru, 2014**: l-attur fetaħ din il-kawża.

Ikkunsidrat:

**Evaluwazzjoni tal-provi:**

L-attur iressaq ċerti provi dwar il-mod kif intgħażlu l-kandidati. Jisħaq li l-bord tal-għażla kien sempliċi paraventu għaliex kien hemm min ġie avviċinat minn qabel, inkluż hu, u saħansitra ngħata t-timetable. Filwaqt li inizjalment intalab jgħallem tliet suġġetti, sa minn qabel ma kellu l-interview ġie nfurmat li kien sejjer jgħallem suġġett wieħed. Dan kollu iżda mhux rilevanti għas-sospensjoni tiegħu.

L-attur donnu jallega li tkeċċa minħabba l-kulur politiku tiegħu. Jgħid li fl-**10 ta' Gunju 2015**, l-attur kien għamel intervent waqt laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Ministru Bartolo fejn kien hemm ukoll is-Sur Rizzo, u kien hemm l-istaff kollu tiegħu, u qalilhom b' dan kollu li qed ngħid, u hadd ma merih. U iktar importanti minn hekk is-Sur Rizzo stess fid-29 ta' Mejju 2017 kien ta intervista, Dok PR, li dehret fit-Times of Malta, fejn kien żvela illi waħda mir-raġunijiet għalfejn kellu x' jgħid mal-Jobsplus li kienet immexxija mis-Sur Clyde Caruana, kienet li s-Sur Clyde Caruana kien jinsisti biex ikun jaf l-orjentament politiku ta' kull impjegat li jiġi biex jieħu xi promotion biex nimxu skont il-kulur politiku tiegħu. L-attur tella' lil Rizzo bħala xhud tiegħu, li filwaqt li kkonferma l-intervista, iċċara li kien qiegħed jirreferi għar-reklutaġġ ta' uffiċjali f'karigi maniġerjali u mhux ta' ħaddiema in ġenerali. Barra minn hekk, it-talba tal-attur mhix marbuta mar-reklutaġġ tiegħu, imma mas-sospensjoni. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq meri konġetturi, anke jekk il-kondotta ġenerali ta' parti tista' sservi ta' indizju ta' x'għamlet f'każ partikolari. B'danakollu, f'dan il-każ l-indizju mhux ikkorroborat bi provi oħra u għalhekk il-Qorti m'għandhiex provi sodi biżżejjed li s-sospensjoni kienet marbuta ma' xi konsiderazzjoni politika.

Ingħad li din is-sospensjoni saret għal tliet ragunijiet:

(1) **"To date, your delivery of the Physical Care of the Child Module has not yet addressed the Course Layout and Learning outcomes of this module".**[7]

[7] Fol 117 it-tieni faċċata.

**(2) "No approved notes have as yet been produced for distribution to Trainees.**

**(3) "Comments stating that most Trainees could teach the Trainer on certain subject matters."**

R**igward l-ewwel allegazzjoni** tal-kwalita` tax-xogħol tiegħu: L-attur kien ingħata *feedback* dwar materjal ta' tagħlim li kien issottometta permezz tal-ittra elettronika mibgħuta lilu fl-24 ta' Ġunju 2014 (Dok G), fejn kien ġie nfurmat li ċertu materjal kellu jqassru iżda mkien fl-ittra ma ntqal li xi materjal ma kienx jindrizza s-suġġett tal-kors. Barra minn hekk, il-fatt li l-*course notes* tal-attur kienu ċċertifikati *up to standard* mit-Training Programmes Design and Quality Assurance Team juri li huwa kien jinsab miexi fid-direzzjoni t-tajba. Hawnhekk tajjeb li jingħad li fil-korrispondenza tagħha lil Philip Rizzo, Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni, Mariella Vella ammettiet li fl-4 ta' Lulju 2014 it-Training Programmes Design and Quality Assurance Team bagħat l-ittra elettronika fejn iċċertifika li n-noti tal-attur kienu *up to standard*. Iżda kompliet tgħid li l-istess team kien bagħat ittra elettronika oħra lil Mangion (id-data meta ntbagħtet ma semmithiex) fejn dan it-team kien qallu: "*It is important that the trainer follows the course layout and presents notes in relation to the 1st 12 learning outcomes as stated by Demi below. There are several pages of notes, that which they are good they do not really belong to this module."* Imma mbagħad Vella kkonkludiet billi qalet li t-team mhux ċert jekk din l-ittra elettronika eventwalment intbagħtitx lill-attur. L-attur jiċħad li rċeviha.

Fil-kummenti tagħha lis-Sur Rizzo, is-sinjura Vella kompliet tgħid li saret Quality Assurance visit, "during which the QA executive reported that the trainer was not following the course with layout, and in fact was delivering information that pertained to another module development… among other issues". L-attur jiċħad kategorikament li saritlu spezzjoni bħal din, u jisħaq li din kienet pura invenzjoni. Mariella Vella tgħid li qatt ma gie pprezentat l-ebda rapport ta' din il-visit jew ta' din l-inspection. Lanqas ġie prodott jew prodotti bħala xhud il-persuna jew persuni li allegatament għamlu l-ispezzjoni. Għalhekk ma tressqitx l-aħjar prova. B'kuntrast ma' din il-qagħda probatorja mankanti tal-Korporazzjoni, jirriżulta bil-miktub li mid-dipartiment tal-Quality and Assurance li l-materjal tal-lectures li ssottometta l-attur – almenu bil-miktub – kien tal-kwalita` mixtieqa.

**Dwar it-tieni allegazzjoni:** Din hi miċħuda mill-attur. Fil-fatt jirriżulta li **fit-3 ta' Lulju** huwa kien issottometta, permezz ta' email, in-noti tal-ewwel hames lezzjonijiet; kien ingħata deadline biex l-ewwel ilesti tal-ewwel hamsa u mbagħad ikompli jahdem fuq l-ohrajn, u dawn lestihom gurnata qabel id-deadline li kien mogħti lilu u gew iccertifikati li huma up to standard. Il-kumplament fl-istess email qalulu - issa l-ohrajn għamilhom ***as soon as possible***, f'email data 24th June. Meta mbagħad telgħet tixhed il-persuna li kienet ifformolat dawn l-akkuzi qalet illi hu kellu deadline sat-24th June. Mentri fl-email kienet mahruga fl-24 ta' Ġunju, kien qiegħed jingħadlu mod ieħor. Meta s-Sinjura Vella giet murija l-ittra imsemmija l-email tas-Sur Mangion waqt li kienet qiegħda tagħti x-xhieda tagħha fil-21 ta' Gunju 2019, hi ammettiet li kellha zball; illi l-komunikazzjoni hija fl-24 ta' Gunju stess; illi inverosimili li ngħata *deadline* għal dakinhar stess.

**It-tielet allegazzjoni** hi li l-attur ma kienx professjonali meta għadda kumment lill-istudenti tiegħu illi hafna minnhom jistgħu jgħallmu lill-għalliem huma stess.  L-attur isostni li dan qalu billi ovvjament qed nitkellmu dwar *physical care of the child*, u ħafna minn dawn il-persuni li jkunu qed jattendu dawn il-kors ikunu nisa, ikunu ommijiet huma stess, li jidhlu għal dan il-kors għax ikollhom diga` esperjenza ta' Childcare. Ried itihom daqsxejn kunfidenza u inkuraġġiment. Isostni li dan il-kumment ittieħed kompletament barra mill-kuntest tiegħu.
Il-Qorti ssib l-oġġezzjonijiet kollha tal-attur għall-allegazzjonijiet bażi tas-sospensjoni tiegħu bħala validi u sostnuti mill-provi li wara kollox fil-maġġor parti tagħhom jikkonsistu f'ittri elettroniċi li jkunu saru *a tempo vergine* u jagħtu stampa ċara tal-x'ġara u ma ġarax u s-sekwenza preċiża tal-okkorrenzi.  Jirriżulta għalhekk li huwa ġie sospiż abbażi ta' premessi li ma kinux veritjeri; konsegwentement li s-sospensjoni kienet waħda irraġonevoli u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

B'danakollu, mas-sospensjoni l-attur ingħata l-opportunita` li jipproduċi l-materjal tal-lectures kollha; f'liema każ is-sospensjoni kienet tiġi mwaqqfa.  Iżda l-attur baqa' inadempjenti.  Għalhekk filwaqt li l-ħruġ tas-sospensjoni kienet waħda bla bażi, il-kontinwazzjoni tagħha kienet tort tal-attur.  Il-Qorti tinnota b'sodisfazzjon li eventwalment l-attur reġa' applika u ġie aċċettat.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet, tilqa' t-tielet, ir-raba', il-ħames u l-għaxar eċċezzjonijiet u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha li ma ġewx deċiżi jew xort'oħra ttrattati fis-sentenza *in parte* safejn dawn ma humiex kompatibbi ma' din is-sentenza.

2. Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-konvenuta huwa *ultra vires ai termini* tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) billi dan sar għal għall-għanijiet mhux xierqa u issejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti.

3. Tiddisponi mit-tieni, it-tielet u r-raba' talba billi tiddikjara l-ħruġ inizjali tas-sospensjoni tal-attur null, invalidu u mingħajr effett iżda mhux ukoll l-att li permezz tiegħu s-sospensjoni saret waħda permanenti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest gudizzjarju anness bħala Dok. Q mar-rikors promotur a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA